MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 1776/1999/1

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**v.**

**Albert Muscat Inglott**

**Il-Qorti:**
**PRELIMINARI**

1. Din hija azzjoni ghal rivendika ta’ proprjeta` u kundanna ghad-danni minhabba okkupazzjoni bla jedd ta’ art u ghat-tnehhija ta’ kull struttura mtella' fuqha mill-konvenut.

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR, KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET**

2. B'citazzjoni pprezentata fit-3 ta' Awissu 1999, l-attur ippremetta li huwa proprjetarju ta' bicca art fi Triq San Pawl tat-Targa fin-Naxxar indikata fil-pjanta annessa mac-citazzjoni u li l-konvenut kien uzurpa bicca minn din l-art billi bena fuqha. Spjega li, minkejja li huwa kien interpellah diversi drabi sabiex jiddemolixxi l-istrutturi minnu mibnjia u jizgombra minnha, dan baqa` inadempjenti u kellha ssir din il-kawza. Ghalhekk talab lill-Qorti –

i) tiddikjara li l-art imsemmija tappartjeni lill-attur u li l-konvenut illegalment u abbuzivament uzurpa bicca minnha;
ii) tikkundannah jiddemolixxi l-istruttura minnu mibnija;
iii) tordnalu jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni minnu kagunati.

Bl-ispejjez.

**IN-NOTA TA' L-ECCEZZJONJIET TA' ALBERT MUSCAT INGLOTT**

3. Il-konvenut eccepixxa li –

i) l-attur ghandu jipprova t-titolu tieghu, titolu li sal-lum jirrizulta tal-konvenut;

ii) ma hemm ebda struttura x'tigi demolita kif jirrizulta mill-istess pjanta esebita mill-attur u ghaldaqstant it-tielet u r-raba talbiet attrici ghandhom jigu respinti.

**IS-SENTENZA TAL-QORTI TAL-PRIM AWLA TAL-QORTI CIVILI**

4. B'sentenza tal-11 ta' Dicembru 2002, il-Qorti ta' Prim Istanza cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur, stante li kkonkludiet illi dan ma kienx irnexxielu jipprova, kif kien mistenni minnu, li l-art okkupata mill-konvenut hija proprjeta` ta' l-attur, bl-ispejjez.

5.1 Fl-ewwel lok, l-ewwel Qorti spjegat illi ma kienx bizzejjed li l-attur jipprova li l-konvenut mhux sid l-art, izda hu obbligat li jissodisfa lill-Qorti li hu kien verament is-sid ta' l-art, liema prova ghandha tkun wahda pozittiva. Il-Qorti spjegat imbaghad li l-pretensjoni attrici ma kenitx ibbazata fuq xi kuntratt izda fuq s-segwenti deduzzjonijiet jew argumenti, –

i) li l-art *de quo* kienet tifforma parti minn art akbar li fis-seklu dsatax kienet giet moghtija lis-Servizzi Inglizi u li fit-30 ta' Jannar 1968, regghet giet "*surrendered*" lill-Gvern;

ii) li l-art hija tal-Gvern billi diversi proprjetarji ohra ta' villel fl-istess triq xtraw partijiet mill-art moxa li kienet prospicenti l-proprjeta` taghhom minghand il-Gvern;

iii) li kemm l-attur, kif ukoll l-awtur tieghu, kienu avvicinaw lid-Dipartiment ta' l-Artijiet f'okkazzjonijiet differenti biex jakkwistaw l-art *de quo*.

5.2 Il-Qorti ta' l-ewwel grad, wara li gharblet l-istess fid-dawl tal-provi prodotti, kkonkludiet is-segwenti, jigifieri li –

i) Il-pjanta esebita a fol 38, fejn tinsab indikata l-art trasferita lis-Servizzi Inglizi, u dik li saret fl-1974 li turi l-art ritornata mis-Servizzi ma jinkorporawx l-art in kontestazzjoni. Ezaminat ukoll ix-xhieda tal-Perit Sciberras li kien xehed li din il-pjanta ma turix kollox u li kien hemm proprjeta` ohra originarjament moghtija lis-Servizzi, cioe` l-art moxa, li tinkorpora ukoll l-art okkupata mill-konvenut. Dan ix-xdhud spjega din id-diskrepanza fil-pjanta billi qal li fil-parti fejn il-linja demarkatorja tghaddi minn fuq l-art moxa, kif ukoll Triq San Pawl, din il-linja hija interrotta u li dan ifisser li kull art moxa 'l fuq minn din il-linja interotta kellha bilfors tappartjeni lill-Gvern. Zied jelabora li meta ma jkollokx *records* assoluti trid timxi fuq l-evidenza li tigbor u "jiena meta nsib bicca art illi tidher fir-ritratti li kienet bicca art shiha….jidher illi mitt sena ilu l-Gvern biegh bicca fl-estrem wiehed u bicca fl-estrem l-iehor, allura kwindi nahseb illi ma nkunx qieghed inkun

zbaljat hafna jekk nghid illi din l-*in between* huwa wkoll tal-Gvern, ladarba dina jidher car illi kienet tifforma parti minn art wahda.” Dwar din ix-xiehda l-ewwel Qorti rrilevat illi d-Dipartiment kien qed jippretendi li hija taccetta bhala fatt <u>d-deduzzjonijiet</u> ta' l-ufficjali tad-Dipartiment meta ma kienx hemm provi konkreti. Ziedet li dak li kien qed jghid il-Perit Sciberras ma kien jirrizulta minn imkien – anzi l-argument tal-Perit Laferla, prodott mill-konvenut, li l-art moghtija lis-Servizzi hija distinta minn dik lejn in-Nofsinhar taghha, kien izjed validu.

ii) Li l-argument migjub mill-attur li l-fatt li diversi jigifieri proprjetarji ta’ fondi limitrofi ghall-art moxa li xtraw minghand il-Gvern, jigifieri dik il-parti li tissepara l-art taghhom mill-perimetru tat-triq, kien jikkostitwixxi rikonoxximent li l-art bejn it-triq u l-proprjetajiet adjacenti hija tal-Gvern, huwa difettuz. Dan ghaliex dak li ghamel haddiehor ma ghandux jirrifletti fuq il-pretensjoni attrici u ma jistax jorbot lill-konvenut odjern, stante li l-artijiet akkwistati mit-terzi ma humiex l-art in kwistjoni. Inoltre, l-attur ma gab ebda prova li meta saru tali trasferimenti kien hemm prova konklussiva tat-titolu favur il-Gvern.

iii) Ghalkemm fis-snin sebghin saru trattattivi, bejn il-predecessur tal-konvenut Dr. Pilzer u d-Dipartiment, ghaliex il-Gvern kien qed jippretendi xi dritt ta’ proprjeta` fuq art li bena fuqha Dr. Pilzer u li Pilzer kien jghid li mhux tieghu, qatt ma ttiehdet ebda azzjoni mid-Dipartiment sal-1998. Inoltre, huwa veru li l-konvenut irreagixxa meta nhargu *tenders* u sahansitra tefa offerta izda dwarhom ma kien gie konkluz xejn. Dawn it-trattattivi izda ma kienu jnaqqsu xejn mill-obbligu ta’ l-attur li jipprova l-esistenza tat-titolu tieghu ghall-art *de quo*, liema titolu ried xorta jipprova kieku tali ftehim gie finalizzat – prova li l-attur naqas li jaghmel illum fl-istanza tieghu.

**<u>L-APPELL TAL-KUMMISSARJU TA’ L-ARTIJIET</u>**

6. L-attur hassu aggravat bis-sentenza tal-Qorti ta’ Prim Istanza u interpona appell minnha fuq l-aggravju li d-decizjoni tal-Qorti, jigifieri li l-attur naqas li jipprova titolu konkret fuq l-art ghaliex ma kien hemm ebda kuntratt ta’

akkwist jew dokument ta’ titolu bil-kitba dwarha, hija zbaljata stante li fil-kaz tad-demanju pubbliku l-kuntratt ma huwiex l-unika prova possibbli tan-natura demanjali tal-proprjeta`.

7.1 L-appellant jispjega li l-art in kontestazzjoni, bicca art ta’ madwar 425 metri kwadri, thalliet zejda mal-medda ta’ Triq San Pawl, in-Naxxar, wara li din it-triq giet asfaltata. Din l-art precedentement kienet tifforma parti mill-wisa' tat-triq ghal bosta snin u kienet tmiss mit-Tramuntana ma' hajt tas-sejjiegh li kien jiddelinea l-konfini tal-qatgha ta’ din l-art, proprjeta` ta’ l-attur, u min-Nofsinhar ma' Triq San Pawl. Dan l-istat ta’ fatt jixhduh kemm is-"*survey sheets*" esebiti li jmorru lura sal-1900, kif ukoll l-*aerial photo* tas-sena 1957, fejn huwa vizibbli dan il-hajt tas-sejjiegh, li parti minnu ghadu jidher sal-lum.

7.2 Jissottometti inoltre li kemm il-fatt li din l-art kienet originarjament, u ilha ghal hafna snin, tifforma parti mill-wisa' tat-triq, kif ukoll il-fatt li meta saret *wasteland* waqghet fid-demanju pubbliku, stante li kull art tinhtieg sid biex jiehu hsiebha, huma fihom infushom prova fuq bazi ta’ probabilita` ta’ status demanjali sakemm ma tingiebx prova kuntrarja. Huwa mill-bidunett kien qal li ma kienx hemm kuntratt ta’ akkwist ghall-art *de quo*, izda l-Gvern ilu jamministra bhala sid l-art fl-akkwati u sahansitra ddispona minn art fil-medda ta’ Triq San Pawl sa mill-1888 u l-1913. Inoltre, bcejjec minn din l-art gew moghtija lura lill-Gvern mis-Servizzi Inglizi fl-1968.

7.3 Jillanja li permezz tal-pjanti u r-ritratti Dok A, G1 u H1 huwa kien irnexxielu jipprova li l-art ma kenitx ta’ l-appellat u wera l-konfini ta’ l-art ta’ l-appellat jew il-predecessur tieghu. Irrizulta wkoll mid-deposizzjoni ta’ l-Assistent Direttur Joe Scriha li sa mill-1969 id-Dipartiment kellu *records* li jindikaw li l-art mertu tal-kawza kienet giet *encroached* mill-predecessur ta’ l-appellat, certu Dr. Pilzer u li dan ta’ l-ahhar xtaq jirregolarizza s-sitwazzjoni billi jpartat din l-art ma' art ohra proprjeta` tieghu. Tali offerta ta’ tpartit tammonta ghal rikonoxximent, da parti ta’ dan Pilzer, li l-art *de quo* ma kenitx tieghu, izda kienet

tappartjeni lill-Gvern. Inoltre, l-istess appellant ittanta jixtri din l-art minghand il-Gvern.

7.4 Jilmenta li l-ewwel Qorti kienet qieset il-provi prodotti mill-appellant bhala “deduzzjonijiet u argumenti” ghaliex il-Gvern ma ghandux dokument ta’ titolu ta’ l-art f’idejh u erronjament ikkunsidrat biss l-argument maghmul mill-Perit Renato Laferla, xhud ta’ l-appellat, li l-art fejn llum hemm ir-residenza tal-konvenut u l-art fejn hija ghaddejja Triq San Pawl, kienet art wahda ghaliex il-hbula jindikaw li kienu jittrasversaw Triq San Pawl. Dan meta kemm il-pjanti, kif ukoll l-*aerial photo* migjuba minnu, juru kjarament l-art li l-massimu tal-kejl li l-appellat jew l-aventi causa tieghu seta' kellu qabel ma nbniet ir-residenza ta’ l-appellant, ma tinkludix l-art *de quo*. Dik il-Qorti, inoltre, qalet li l-argument li l-art li giet ceduta lill-Gvern mis-servizzi Inglizi hija l-istess area li hija *encroached* mill-appellat hija bla bazi legali, u dan nonostante li l-Perit John Sciberras, Direttur Generali tat-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern, xehed li l-art li giet *surrendered* hija estensjoni ta’ l-istess *wasteland* li l-art *de quo* tifforma parti minnha. Jikkontendi ghalhekk li l-ewwel Qorti ma kienet korretta xejn fit-trattament tal-kawza fil-konfront tieghu u naqset li tikkonsidra prova li setghet tistabilixxi titolu fuq proprjeta`, bhala prova alternattiva ghal dokument miktub li ma jezistix, u li ma jistax jezisti peress li l-art dejjem kienet demanju pubbliku. Hija hadet bhala pacifika l-allegazzjoni tal-Perit *ex parte* tal-konvenut, meta tali argument ma gie sostnut la bix-xiehda tieghu u lanqas b’ebda dokumentazzjoni, pjanti jew provi ohra u meta minn ezami tal-pjanti esebiti jirrizulta li mhux il-hbula kollha jittrasversaw.

8.1 Izid jillanja l-appellant li l-ewwel Qorti naqset li taghmel referenza ghall-argumentazzjoni minnu maghmula fin-Nota ta’ Osservazzjonijiet fejn huwa rrileva li ai termini ta’ l-Artikolu 327 tal-Kodici Civili, il-beni bla sid jappartjenu lill-Gvern. Dan l-artikolu huwa applikabbli ghas-sitwazzjoni in ezami, fejn gie ppruvat li l-art hija bla sid, u ghalhekk isegwi li hija tal-Gvern, billi hija proprjeta`demanjali. Skond l-appellant gie ippruvat li -

i) l-art *de quo* ma tappartjenix lill-appellat jew lill-predecessur tieghu;

ii) il-Gvern qatt ma dahal f'kuntratt ta' akkwist ma' terzi biex ghadda l-art lilhom izda l-*wasteland*, li minnha tifforma parti din l-art, ilha f'idejn il-Gvern u ilha tigi amministrata minnu ghal ghexieren ta' snin;

iii) il-predecessur fit-titolu ta' l-attur ried jakkwista din l-art minghand il-Gvern;

iv) mix-xiehda prodotti jirrizulta li fil-kuntratt tal-11 ta' Dicembru 1964, wiehed mill-konfini ta' l-ghalqa li minnha l-art fejn hemm il-villa tifforma parti, huwa indikat bhala "tmiss minn nofs in-nhar mat-Triq u ma' moxa tal-Gvern Civili" – li kieku l-art kienet tmiss mat-triq ma kienx ikun hemm tali deskrizzjoni;

v) l-art u bicciet ohra fl-istess medda ta' triq, tant ma kienu ta' hadd, li l-Gvern ghamel sejhiet ghall-bejgh taghhom, minghajr ma hadd ivvanta ebda dritt fuqhom.

8.2 Inoltre, kif gie spjegat fl-istess Nota ta' osservazzjonijiet it-trasferiment ta' proprjeta` demanjali hija soggetta ghal dak li jipprovdi l-Kap 268 tal-Ligijiet ta' Malta, jigifieri li tali art ma tistax tigi trasferita jekk mhux permezz ta' hrug ta' sejha ghall-offerti, permezz ta' Risoluzzjoni tal-Parlament, jew skond kif esplicitament permess mil-Ligi. B'hekk il-mera okkupazzjoni mill-appellat fuq art li mhix tieghu ma twassalx ghal titolu assolut jew ta' trasferiment kif qed jippretendi. B'hekk peress li l-proprjeta` demanjali ma taqax taht l-ordinament tal-ligi ta' proprjeta` ordinarja izda hija soggetta ghal ordinament guridiku distint, il-Qorti kienet zbaljata meta assoggettat din il-proprjeta` demanjali ghar-regoli ordinarji tad-dritt sostantiv u processwali applikabbli ghall-proprjeta` privata.

Ghaldaqstant talab li din il-Qorti, thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim Awla fil-11 ta' Dicembru 2002, u tghaddi biex tilqa' l-appell odjern, tichad l-

eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

**IR-RISPOSTA TAL-KONVENUT ALBERT MUSCAT INGLOTT**

9.1 L-appellat jissottometti li s-sentenza appellata hija gusta u ghandha tigi konfermata u li l-lanjanza ta' l-appellant fis-sens li l-ewwel Qorti ddecidiet li hu "ma rnexxielux jipprova titolu kokret fuq l-art….ghaliex titolu permezz ta' kuntratt ma jezistix" tindika li l-analizi tas-sentenza appellata mill-appellant hija inkompleta. Infatti, l-ewwel Qorti qalet li –

i) Mill-pjanti esebiti jirrizulta li l-art *de quo* ma kienet oggett ta' ebda kuntratt;

ii) Il-Perit John Sciberras, Direttur Generali Taqsima Proprjeta` tal-Gvern qal li l-art kienet tal-Gvern abbazi ta' assunzjonijiet, deduzzjonijiet bazati fuq hamsa u ghoxrin sena esperjenza jhares lejn ir-*records* tal-Gvern;

iii) Il-Perit Renato Laferla xehed l-oppost u spjega mir-ritratti kif ma setax ikun li l-art *de quo* giet moghtija lill-Gvern Ingliz u wara *surrendered* lura mis-Servizzi.

Minn dan jirrizulta li ma hemm xejn difettuz jew mankanti fl-analizi li ghamlet l-ewwel Qorti. Min-naha l-ohra, huwa l-appellant, li juri li ma tax il-piz misthoqq lill-konstatazzjonijiet kollha maghmula mill-ewwel Qorti meta ssolleva l-aggravju li fil-kaz tad-demanju pubbliku il-kuntratt ma hux l-unika prova possibbli tan-natura demanjali tal-proprjeta`.

9.2 Jelabora li, kif diga` ssottometta fin-Nota ta' Osservazzjonijiet tieghu, f'azzjoni ta' din ix-xorta ir-rivendikant irid jipprova pozittivament li l-proprjeta` hija tieghu, prova li trid tkun kompleta u konklussiva, b'mod li kwalunkwe dubju ghandu jmur favur il-konvenut. Il-Qorti ta' l-ewwel grad, fuq l-iskorta ta' dawn il-principji u wara li ezaminat ix-xhieda, prodotti, principalment id-deposizzjoni tal-Perit Sciberras, waslet ghall-konkluzzjoni li l-asserzjoni

ta’ l-attur, kontradetta mill-appellat “mhux ammissibbli bhala prova konklussiva.”

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>**

10. Minn qari tar-rikors ta’ l-appell tal-Kummissarju ta’ l-Artijiet ghandu jkun ovvju, kif inhu impustat l-aggravju kollu ta’ l-appellant, li dan ma hu xejn hlief kritika ta’ l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti u li l-kontendenti pproducew biex jistabilixxu t-titolu li kienu jivvantaw fuq il-proprjeta`. Provi li fil-kaz ta’ l-appellant Kummissarju ta’ l-Artijiet, suppost kienu mmirati biex jistabilixxu d-dritt tieghu fuq il-proprjeta` *de quo* li l-ligi tesigi bhala element essenzjali biex tigi esperita b’success l-azzjoni *rei vindicatoria*.

11. Fir-rikors ta’ appell l-appellant jerga' jtenni l-istess argumenti mqajma minnu quddiem il-Qorti ta’ Prim Istanza, dwar liema sottomissjonijiet jirrizulta li kien hemm decizjoni minn dik il-Qorti. L-appellant jishaq li “li jigi deciz illi art li qabel kienet adetta ghall-uzu ta’ kulhadd bhala triq u li sussegwentement saret *wasteland* m’hijiex tal-Gvern billi ma jirrizulta ebda kuntratt ta’ akkwist jew dokument ta’ titolu bil-kitba huwa zbaljat. Dan peress illi fil-kaz tad-demanju pubbliku l-kuntratt m’huwiex l-unika prova possibbli tan-natura demanjali tal-proprjeta`.” Dan l-argument jibbazah fuq il-premessa li mid-dokumenti u x-xhieda prodotti, huwa rnexxielu jipprova li din l-art kienet originarjament tifforma parti minn Triq San Pawl tat-Targa u li l-Gvern kien ilu jamministra l-art f’dawn l-akkwati ghal bosta snin u ilu ghal daqstant ghexieren ta’ snin jamministra l-art, li minnha l-art *de quo* tifforma parti. In sostenn ta’ tali affermazzjoni jikkritika l-apprezzament u l-evalwazzjoni maghmulha mill-Qorti ta’ l-ewwel grad tal-provi prodotti u tax-xiehda mismugha minnha *viva voce*. Jissottometti li l-ewwel Qorti “ma kienet xejn korretta fit-trattament tal-kawza fil-konfront tieghu” - hija naqset li “tikkonsidra prova li setghet tistabilixxi titolu fuq proprjeta`, bhala prova alternattiva ghal dokument bil-kitba f’cirkostanzi meta dokument bil-kitba ma jezistix u, stante illi l-art dejjem kienet demanju pubbliku ma setax jezisti.” Injorat il-pjanti u r-ritratt mehud mill-ajru migjuba minnu, li jmorru lura aktar minn mitt sena, u li juru l-estent ta’ l-art

ta' l-appellat u jistabilixxu li l-art ta' l-appellat ma tinkludix l-art *de quo*. Minflok, "l-unika prova li hija apprezzat kien l-'argument' maghmul mix-xhud ta' l-appellat, il-Perit Renato Laferla, illi l-art minn fejn illum hemm ir-residenza ta' l-appellat u minn fejn ghaddejja Triq San Pawl kienet xi darba art wahda, (pagna 4 tas-sentenza), u dana minhabba illi l-hbula jindikaw illi kienu jittrasversaw Triq San Pawl." - argument li ma hu sostenut b'ebda prova.

12. L-appellant jilmenta wkoll li l-Qorti ta' l-ewwel grad fl-ebda hin ma rreferiet ghan-Nota ta' Osservazzjonijiet pprezentata minnu, fejn huwa ghamel referenza specifika ghat-titolu li Gvern ghandu fuq il-beni bla sid *ai termini* ta' l-Artikolu 327 tal-Kodici Civili. Jishaq li dan l-artikolu huwa applikabbli ghall-kaz odjern ghaliex huwa kien ipprova li jekk l-art okkupata mill-appellat jew il-predecessur tieghu ma kenitx tal-Gvern, din kienet bla sid u ghalhekk tifforma parti mill-proprjeta` demanjali pubblika u ssejjah bhala titolu lill-Gvern. Jelabora li mill-"korp ta' dritt tal-proprjeta` partikolari ghad-demanju pubbliku li nsibu inter alia fil-Kodici Civili u fil-Kap. 268 jirizulta b'mod car illi l-proprjeta` demanjali pubblika ma taqax taht l-ordinament tad-dritt tal-proprjeta` ordinarja…" u ghalhekk il-Qorti kienet zbaljata, meta applikat ghall-kaz odjern, ir-regoli ordinarji tad-dritt sostantiv u processwali, applikabbli f'kawzi koncernanti proprjeta` privata.

13. Din il-Qorti tibda l-ewwelnett biex tosserva li hija prassi *ormai* stabbilita li din il-Qorti ta' revizjoni ma tiddisturba qatt leggerment l-evalwazzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Ewwel grad u li dan ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincuha illi l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti kien tant zbaljat li altrimenti tkun ser tigi kkawzata ingustizzja. Dan ghaliex huwa car li l-ewwel Qorti tkun qeghda fl-ahjar qaghda li tisma', tikkontrolla u tgharbel il-provi kollha migjuba quddiemha u li ghalhekk tkun f'qaghda aktar favorevoli biex tifforma opinjoni oggettivament korretta tal-kredibilita`

o meno taghhom tax-xhieda. Vantagg li l-Qorti ta’ l-Appell m’ghandhiex[1].

14. Ghal dak li jirrigwardaw il-konsiderazzjonijiet ta’ dritt li jolqtu dan il-kaz, id-duttrina tghallem li azzjoni ta’ din ix-xorta, li ghandha bhala oggett taghha r-rikonoxximent tad-dritt ta’ l-attur u bhala konsegwenza r-restituzzjoni tal-haga reklamata minghand l-imharrek, titfa' piz qawwi fuq min jistitwiha ghaliex irid iressaq l-aqwa provi dwar il-jedd tieghu fuq il-beni li jrid jiehu lura. Din ir-regola waslet biex tigi mahluqa l-espressjoni *‘probatio diabolica’* biex turi kemm huwa gholi l-grad ta’ prova li l-attur irid iressaq f’kawza ta’ din ix-xorta u dan ghaliex *actor non probante reus absolvitur* filwaqt li *in pari causa melior est conditio possidentis*[2]. Ghaldaqstant mhux bizzejjed li l-attur jipprova li l-proprjeta` rivendikata mhijiex ta’ l-imharrek ghaliex il-ligi tirrikjedi li l-attur jipprova b’mod inekwivoku li l-istess hija tieghu[3]. Din il-prova ta’ l-attur trid tkun kompleta u konklussiva u kwalunkwe dubju jmur favur il-konvenut, pussessur. F’dan ir-rigward gie infatti ritenut illi “anke jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi ghandha tilliberah jekk ir-rivendikant ma jaghtix prova tad-dominju tieghu li tkun ezenti mill-anqas dubju.[4]” Il-prova tad-dominju ta’ l-attur tista` ssir sew bl-esebizzjoni tat-titolu ta’ l-akkwist jew bil-preskrizzjoni akkwizittiva jew bi kwalunkwe mezz iehor permess mil-ligi. Meta l-attur jibbaza l-kawza tieghu fuq titolu ta’ l-akkwist, mhux bizzejjed li hu jesebixxi titolu ta’ l-akkwist kwalunkwe, izda jrid jipprova li l-oggett rivendikat ikun ghadda ghandu minn ghand min suppost kellu dan id-dritt[5], ossija titolu originali u mhux derivattiv. Id-dominju jista' jigi ppruvat, fl-assenza ta’ titolu u ta’ l-uzukapjoni, anke b’mezzi ohra. F’dan ir-rigward intqal fil-gurisprudenza antika estera li –

---

[1] Ara fost ohrajn - **Carmelo Agius v. John Agius** – Appell (Sede Inferjuri) – 2 ta’ Dicembru 1994; **Neville Xeureb v. Raymond Aquilina** – Qorti ta’ l-Appell – 6 ta’ Dicembru 2002

[2] **Cassar Desain v. Cassar Desain Viani et** - Appell deciz 25 ta’ Gunju 1945

[3] **Curmi et noe v. Depiro et** Appell deciz 12 ta’ Frar 1936; **Perit C. Falzon v. A. Curmi** PA deciza 5 ta’ Ottubru 1995

[4] **G. Buhagiar v. G. Borg et** - Appell Civili deciz 17 ta’ Novembru 1958

[5] **A. Copperstone v. F. Grech et** - PA deciza 14 ta’ Dicembru 1951

"In mancanza di titoli, le questioni di proprieta` possono essere risolte col sussidio di presunzione, e di urgenti argomenti di verosimilianza (Fadda para 589); la prova del dominio puo' farsi dal rivendicante anche per via di presunzioni e congetture, in ispecie dove si tratta di rivendicare un dominio antico (Fadda 590)."

Dan il-principju gie wkoll segwiet fil-kawza fl-ismijiet **Attard v. Fenech**[6]. Meta imbaghad l-attur jipprova dan id-dritt ta' dominju "m'ghandux ghalfejn jaghmel xejn izjed; senjatament m'ghandux jaghmel il-prova negattiva li l-konvenut m'ghandux id-dritt reali li qed jikkampa.[7]"

15. Huwa wkoll risaput fid-duttrina li f'azzjoni ta' din ix-xorta l-imharrek m'ghandu ghalfejn jipprova xejn sakemm huwa ma jgibx 'l quddiem l-eccezzjoni li t-titolu tar-rivendikant jinsab vestit fih[8]. Dan ghaliex meta l-konvenut f'din l-azzjoni ma jiddefendix ruhu fuq il-bazi tal-pussess, imma fuq dik ta' titolu, il-Qorti trid tezamina wkoll dan it-titolu u tqis is-siwi tieghu bl-istess gharbiel li bih tqis it-titolu tar-rivendikant u jekk il-konvenut ma jirnexxielux jipprova t-titolu minnu allegat u jibqa' sokkombenti f'din il-prova, huwa prekluz milli jinvoka favur tieghu il-pussess[9]. Gie ritenut mill-gurisprudenza nostrana li meta l-konvenut jirreklama hu wkoll titolu ta' proprjeta` fuq l-istess art, l-ezami ma jkunx bazat fuq prova certa tat-titolu ta' l-attur, izda fuq wiehed komparattiv tat-titoli rispettivi tal-kontendenti. F'dan il-kaz il-gudizzju ma jkunx wiehed ta' effett *erga omnes* bazat fuq prova certa tat-titolu ta' l-attur, izda *inter partes*, bazat fuq studju komparattiv tal-pretensjonijiet tal-partijiet[10]. Ghalhekk hawnhekk l-attur m'hemmx ghalfejn jipprova titolu originali, izda bizzejjed jipprova titolu ahjar minn dak tal-konvenut.

Dan kollu qieghed jinghad ghar-raguni li saru zviluppi fil-gurisprudenza Maltija fejn giet accettata l-possibilita` li r-rivendikant jirnexxi fl-azzjoni tieghu tramite l-*actio*

[6] Vol VII p. 39; ara wkoll Vol XXIX.ii.492
[7] Vol VII p. 390
[8] **Agius noe v. Genovese et** Appell deciz 21 ta' Jannar 1946
[9] **Mizzi noe v. Azzopardi et** – Appell deciz 27 ta' Marzu 1996; **N. Mangion v. A. Wettinger** – Appell deciz 5 ta' Ottubru 2001
[10] **Aquilina M v. Piscopo A**. PA- deciza 24 ta' Ottubru 2003

*publiciana* li mmitigat kemmxejn ir-rigidita` assoluta ta' 'l hekk imsejha *"probatio diabolica"* ikunu xi jkunu c-cirkostanzi. Fil-kawza **Attard nomine v. Fenech** deciza minn din il-Qorti, kif dak iz-zmien komposta, moghtija fit-28 ta' April 1875 gie *inter alia* osservat li fil-kaz ta' l-*actio rei vindicatoria*
*"l'attore deve provare di aver il dominio della cose, che vuole rivendicatoria e di averle legittimamente acquistata."*

Mentri fl-*actio publiciana* jkun sufficjenti,
*"di averne avuto il possesso; e di possederla il convenuto con un diritto minore e piu` debole del suo."*

Dan l-insenjament gie segwit f'decizjoni rincensjuri moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Paul Buhagiar et v. John Pace et** (Citaz. Nru. 784/91) deciza fid-9 ta' Marzu, 2007. Pero` wiehed dejjem irid izomm quddiem ghajnejh li minn kaz ghal kaz ikun hemm hafna drabi fattispecie differenti. Per ezempju jigi rilevat li fil-kawza **Buhagiar et v. Pace et** surreferita kien hemm stat ta' fatt fejn il-parti konvenuta qabdet u wzurpat il-pussess ta' art b'mod abbuziv mentri fil-kaz in ezami, kif ser jinghad aktar 'il quddiem, jirrizulta li l-konvenut kien gie fil-pusess tal-porzjoni ta' art kontestata b'mod ghal kollox legali u bi buona fede shiha. Fil-fatt jirrizulta wkoll li l-konvenut gie f'kuntatt mal-Kummissarju ta' l-Art ghar-raguni li sa fejn kien possibbli u prattiku ghalih, dejjem bla pregudizzju, hu kien jippreferi li ma jkunx hemm xi hjiel ta' dubju dwar it-titlu tieghu fuq l-art *de quo*. Din il-Qorti tirrileva wkoll li ghalkemm l-ewwel Qorti ma qaghditx tispecifika jekk hawnhekk kienx il-kaz li tammetti konsiderazzjoni tal-vertenza taht l-aspett ta' l-*actio publiciana*, in effetti hija tat opportunita` wiesgha u ezawrjenti liz-zewg nahat, ghal dawk li huma provi, biex kull wiehed minnhom iressaq kull prova rilevanti ghall-kaz.

16. Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti tal-kawza u d-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti fid-dawl tal-principji suesposti u tal-lanjanzi ta’ l-appellant, ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti u li wasslitha ghall-konvinciment li l-attur ma kienx irnexxielu jipprova sodisfacentement dak

rikjest mil-ligi – liema obbligu huwa impost fuq kulhadd, inkluz il-Gvern. Jinghad mill-ewwel li l-lanjanza ta' l-appellant li l-Qorti ta' l-ewwel grad cahdet it-talbiet tieghu ghaliex ma hemmx titolu miktub tad-dritt ta' proprjeta` reklamat minnu hija errata. Dik il-Qorti anzi spjegat kjarament illi l-attur ma kienx qed jibbaza l-pretensjoni tieghu fuq titolu izda fuq serje ta' argumenti li hija ezaminat bir-reqqa fid-dawl tad-dokumentazzjoni u x-xhieda prodotti.

17. L-attur jallega li l-art in kontestazzjoni, konsistenti fi strippa art ta' madwar 425 metri kwadri, indikata bil-kulur orangjo fuq is-"*survey sheet*" Dok A [11], liema pjanta hija datata "1899 corrected July 1900", hija art moxa (*wasteland*) li baqghet zejda mal-genb tat-triq, wara li bosta snin ilu giet iffurmata u eventwalment giet ukoll asfaltata Triq San Pawl, fin-Naxxar.

Fir-rigward ta' din il-pretensjoni attrici xehdu zewg ufficjali tad-Dipartiment, Joseph Scriha, Assistent Direttur tal-Estate Management Department u l-Perit John Sciberras, Direttur Generali Taqsima Proprjeta` tal-Gvern. Ix-xhud Joseph Scriha jghid li l-art *de quo* hija parti minn art akbar parzjalment murija bil-bordura hamra fuq l-istess Survey Sheet Dok A. Spjega li l-art markata bl-ahmar hija klassifikata bhala moxa, ossija blat, art li normalment ma tinhadimx u li stante li hija moxa hija konsiderata mid-Dipartiment bhala proprjeta` tal-Gvern[12]. Biex ikompli jsahhah it-tezi attrici ix-xhud jixhed li din il-*wasteland*, li minnha taghmel parti l-art in kontestazzjoni ilha hafna ghand il-Gvern li ilu jamministraha u sahansitra biegh parti minnha (dik markata bl-isfar fuq Dok A) lis-Servizzi Inglizi b'kuntratt tas-16 ta' Lulju 1888 u li sussegwentement giet ritornata lura mis-Servizzi fl-1968. Ikompli jelabora li mill-istess medda ta' art imbieghu, mill-Gvern ukoll, partijiet ohra, lkoll immarkati fuq is-*Survey Sheet* Dok A, fi zminijiet differenti.

18. Tul din id-deposizzjoni ix-xhud Scriha jghid li l-art in kwistjoni ma kenitx tal-predecessur ta' l-appellat. Spjega

[11] a fol 38
[12] fol 145

li fl-1969 kienu saru investigazzjonijiet mid-Dipartiment tal-Lands u kien instab li certu Pilzer, il-predecessur fit-titolu tal-konvenut, kien invada parti mill-proprjeta` tal-Gvern. Id-Dipartiment kien ghalhekk avvicina lill-Perit Mortimer, li kien qed jiehu hsieb il-bini. Dan il-perit kien kiteb lid-Dipartiment fis-6 ta’ Frar 1970, u skond ix-xhud, qal li “*a narrow area of wasteland between Mr. Pilzer’s property and the main road at St. Paul’s Tat-Targa has been incorporated with Mr. Pilzer’s property*” u li l-istess Pilzer kien lest li jhallas ghaliha jew ipartata ma’ art “*which will be used for forming the highway to the east of this site*.[13]” Kienet imbaghad giet skambjata korrispondenza bejn id-Dipartiment u l-Public Works biex jigu stabbiliti l-iskemi tat-toroq u gew anke maghmula pjanti, ipprezentati fl-atti tal-kawza a fol. 115 *et seq.*, li jindikaw l-art ta’ Pilzer u l-art *de quo*. Jghid ukoll pero` illi ma kien sar xejn aktar u li l-proprjeta`, snin wara, nbieghet lill-konvenut. Ix-xhud ikompli jelabora li fis-17 ta’ April 1998, id-Dipartiment, b’avviz numru 86, kien hareg sejha ghall-offerti ghall-bejgh ta’ art, fosthom l-art *de quo* u l-appellat kien ghamel applikazzjoni u talab li jsir tpartit ma’ proprjeta` ohra tieghu li kienet soggetta ghal Ordni ta’ Rekwizizzjoni. Dan izda ma setax isir u sussegwentement id-Dipartiment informa lill-avukat tas-Sur Muscat Inglott dwar il-valur tal-proprjeta`. Minkejja dan kollu, izda ix-xhud jammetti li d-Dipartiment ma kien ha ebda azzjoni fil-forma ta’ xi att gudizzjarju, bejn l-1973, meta waqfu t-trattattivi ma’ Pilzer, u l-1998, meta d-Dipartiment gharraf bil-pretensjoni tieghu lill-konvenut[14].

19. L-istess xhud spjega wkoll li mir-ritratti esebiti minnu u markati Dok H1 ghadu jidher parti mill-hajt tas-sejjiegh li kien jifred il-*wasteland* mit-triq, liema hajt kien twaqqa' biex imbaghad l-art giet okkupata mill-bini llum appartenti lill-konvenut. Spjega ukoll li hu kien ghamel ricerki dwar it-titolu tal-konvenut u rrizultalu li fl-ebda kuntratt ma kien hemm pjanta annessa. Anzi f’wiehed mill-kuntratti tal-predecessur tieghu fit-titolu, dak tal-11 ta’ Dicembru 1964, wiehed mill-konfini ta’ l-ghalqa li minnha jifforma parti l-bini huwa indikat bhala li jmiss min-Nofsinhar mat-triq u ma’

[13] fol 136
[14] fol 151

moxa tal-Gvern Civili. Dwar dan il-fatt izda, aktar tard fid-deposizzjoni tieghu tat-2 ta' April 2001, ammetta li l-art *de quo* ma hijiex fin-Nofsinhar[15]. Jittanta izda jispjega dan billi jinsisti li stante li l-Gvern ma qed jirreklama ebda proprjeta` ohra fl-inhawi, probabilment dak il-kuntratt jibdel l-irjihat.

20. Hemm imbaghad ix-xiehda tal-Perit Sciberras. Dan xehed li l-pjanta Dok JS1[16] li saret fl-1974 meta s-Servizzi rritornaw il-proprjeta` li kienu akkwistaw fl-1888, ma turix l-art kollha tal-Gvern, izda anke l-parti l-bajda hija art tal-Gvern, li pero` qatt ma giet immarkata fis-*survey sheets* li saru mid-Dipartiment ta' l-Artijiet ghax ma nghatat lil hadd. Jammetti izda li din l-art mhix kollha tal-Gvern[17]. Jispjega li l-linja interrotta bejn l-abjad u l-ahmar fuq il-pjanta, tindika li hija parti minn art akbar u li fl-art okkupata mill-appellat hemm linji maqtugha li jinsabu fejn hemm markata l-ittra X. In sostenn tat-tezi attrici jixhed li fin-nuqqas ta' *records* assoluti li jindikaw liema hi l-art tal-Gvern trid timxi fuq ir-*records* ezistenti u l-evidenza li tigbor u "jiena meta nsib bicca art illi tidher mir-ritratti li kienet bicca art shiha, illi tidher mis-*survey sheets* l-antiki li tidher bicca art shiha, illi fl-estremitajiet taghha…jidher illi mitt sena ilu l-Gvern biegh bicca fl-estrem wiehed u bicca fl-estrem l-iehor, allura kwindi nahseb illi ma nkunx qieghed inkun zbaljat hafna jekk nghid illi *in between* huwa wkoll tal-Gvern, la darba dina jidher car illi kienet tifforma parti minn art wahda[18]". Ix-xhud jargumenta li stante li bejn il-proprjeta` mibjugha mill-Gvern u bejn l-istrippa mat-triq ma hemm xejn li jiddividi allura "kwindi jsegwi illi bilfors bejn it-tarf u bejn it-traf l-iehor kulma hemm fin-nofs huwa tal-Gvern." Skond l-istess xhud dan hu korroborat mis-*survey sheet* Dok A u mill-*aerial photo* tal-1959 (fol 162). In kontro-ezami imbaghad jinsisti li "Mhux qieghed nassumi, qieghed niddeduci bazat fuq hamsa u ghoxrin sena esperjenza nhares lejn ir-*records* tal-Gvern.[19]"

[15] fol 144
[16] fol 153
[17] fol 162
[18] fol 161
[19] fol 165

21. Issa, kif diga` gie spjegat aktar 'il fuq, mhux necessarju titolu miktub biex jigi ppruvat id-dominju attrici fuq l-art *de quo*, ghax ir-rivendikant jista` jipprova d-dominju tieghu fuq il-gid rivendikat sahansitra permezz ta' presunzjonijiet, izda dawn iridu jirrizultaw b'mod car mill-provi minnu prodotti u jikkonvincu pjenament u b'mod konklussiv lill-gudikant mit-tezi attrici. Fil-kaz odjern, ir-rapprezentanti tad-Dipatiment qed jibbazaw ruhhom fuq <u>l-interpretazzjoni</u> taghhom tal-pjanti esebiti u tal-*aerial photo* u jinsistu li jirrizulta car minn dawn li l-art *de quo* hija parti mill-*wasteland* appartenti lill-Gvern u li din il-*wasteland* hija distinta mill-art adjacenti ghax hija mifruda minnha b'hitan tas-sejjiegh. Fi kliem l-istess Perit Sciberras *records* certi dwar dan ma hemmx izda <u>jiddeduci</u> dan mill-esperjenza tieghu u mill-fatt li l-art *de quo,* li tinsab mal-genb tat-triq, tidher bicca shiha minghajr ebda separazzjoni mill-art akbar u li l-Gvern biegh bicciet minnha fl-estremitajiet taghha. Biex jispjega kif wasal ghall-konkluzjoni li l-art hija shiha jghid li s-sinjali interotti li jidhru fuq il-pjanta a fol. 153 jindikaw in-nuqqas ta' hajt fiziku. Jammetti izda li l-inhawi mhumiex kollha tal-Gvern. Tali argumenti certament ma humiex sufficjenti biex tirnexxi l-azzjoni odjerna, l-aktar meta din l-interpretazzjoni hija kontrastata mill-Arkitett *ex parte* prodott mill-konvenut, il-Perit Renato Laferla li jghid li l-art ma kenitx parti mill-art li giet mibjugha mill-Gvern matul is-snin. Dan ix-xhud josserva li fir-ritratt a fol. 39 jidher car li l-eghlieqi aktar 'il fuq mill-art li l-Gvern kien ta lis-Servizzi Inglizi u fejn tinsab l-art in kontestazzjoni, kienu formanti minn hbula b'hitan li kienu kontinwi, ghaddejjin trasversalment u li Triq San Pawl ghaddiet min-nofshom. Jirrileva li mill-esperjenza tieghu meta l-Gvern jakkwista art biex jifforma triq, jixtri l-ammont li kellu bzonn biex jghaddi t-triq, jew il-wisgha ghat-triq u tant kull naha izda mhux bicca rregolari.

Kif sewwa jissottometti l-konvenut fin-Nota ta' Osservazzjonijiet, l-argument tal-Perit Laferla huwa verosimili u attendibbli, aktar u aktar meta jirrizulta li kien hemm hajt tas-sejjiegh, li ghadu vizibbli sal-lum, li jissepara t-triq u l-art *de quo* li l-attur jippretendi li hija

tieghu, ghaliex jekk l-art kienet kollha parti wahda ma kienx necessarju li ssir separazzjoni bil-hajt tas-sejjiegh.

22. L-appellant jittenta jsahhah l-argumenti tieghu billi jirreferi ghall-kuntratt maghmul mil-predecessur fit-titolu tal-konvenut fil-11 ta' Dicembru 1964, liema kuntratt qatt ma gie esebit fil-kawza odjerna. L-attur jghid li tali kuntratt kien jghid li min-Nofsinhar l-ghalqa kienet tmiss ma' triq u ma' moxa tal-Gvern Civili. Dan l-argument huwa ghal kollox irrelevanti, ghaliex kif jammetti l-istess Joe Scriha, il-kuntratt jirreferi ghall-parti ohra totalment distinta mill-art *de quo* li ma tinsabx fit-triq fejn hemm il-kwistjoni.

23. L-appellant jikkritika wkoll is-sentenza appellata ghaliex jishaq li hu rnexxielu jipprova li l-art ma tappartjenix lill-konvenut u f'dan ir-rigward jargumenta li kemm il-predecessur tal-konvenut fit-titolu, kif ukoll il-konvenut kienu ghamlu trattattivi mad-Dipartiment biex jakkwistaw dan il-feles art u b'hekk irrikonoxxew it-titolu tal-Gvern. Fl-ewwel lok, jigi rilevat illi d-Dipartiment ma pprezentax il-korrispondenza li kienet ghaddiet bejn dan Pilzer u r-rapprezentanti tieghu u l-istess Dipartiment. Joe Scriha qara bicciet b'mod sparpaljat minn dawn l-ittri fid-deposizzjoni tieghu, u pprezenta biss il-pjanti li saru mill-Public Works – ghalhekk il-Qorti ma setghetx tezamina s-sekwenza tal-fatti u tivverifika dak li kien qed jinghad mill-attur. Izda, fuq kollox, l-attur donnu qed jinsa' li f'azzjoni ta' din ix-xorta mhuwiex bizzejjed li jipprova li l-art okkupata mill-konvenut ma tappartjenix lill-konvenut – l-attur obbligat jipprova li huwa s-sid ta' tali proprjeta`. Issa l-fatt li l-*aventi causa* ta' l-imharrek u aktar tard l-istess imharrek, wara li gie infurmat mid-Dipartiment bil-pretensjoni tieghu, ippruvaw jaslu ghal xi ftehim dwar l-art m'ghandux jissarraf f'gharfien tat-titolu ta' l-attur. F'azzjoni rivendikatorja, it-titolu ta' l-attur irid jigi ppruvat fuq kriterji aktar objettivi minn semplici atteggjamenti ta' l-imharrek jew il-predecessur tieghu fit-titolu li sabu ruhhom rinfaccjati b'din il-pretensjoni u forsi gara illi xtaqu jaslu ghall-ftehim bonarju biex jevitaw kwistjonijiet u proceduri gudizzjarji. Dan l-animu huwa rifless fl-ittra li l-konvenut

kiteb lid-Dipartiment wara li gie konfrontat bil-pretensjoni attrici[20].

Jirrizulta ghalhekk lil-ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li l-attur ma kienx irnexxielu jipprova ghall-finijiet ta' l-azzjoni odjerna li l-art hija proprjeta` tieghu.

24. F'dan l-appell odjern, izda, l-appellant jissottometti wkoll li l-ewwel Qorti naqset li tirreferi ghal dak li gie sottomess minnu fin-Nota ta’ Osservazzjonijiet tieghu dwar it-titolu li l-Artikolu 327 tal-Kodici Civili jaghti titolu lill-Gvern fuq beni li huma bla sid. Skond l-appellant dan l-artikolu japplika ghall-kaz in ezami “bl-aktar mod konkret…cioe` kemm-il darba jigi ppruvat illi l-art hija bla sid, isegwi ghaldaqstant li l-art hija tal-Gvern ta’ Malta billi hija proprjeta` demanjali” u li hu rnexxielu jipprova dan b’aktar minn manjiera wahda.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant baqa' sokkombenti anke fir-rigward ta’ din il-prova. L-Artikolu 327 jipprovdi li l-beni bla sid huma tal-Gvern ta’ Malta izda l-appellant irid jipprova li l-art hija bla sid u mhux bizzejjed jistrieh fuq argumenti bhal dak li l-Gvern hareg fuq l-istess medda ta’ art bicciet art ohra permezz tal-procedura taht il-Kap. 268 u hadd ma vvanta ebda pretensjoni, jew l-argument l-iehor li hu rnexxielu jipprova li l-art *de quo* ma tappartjenix lill-konvenut jew lill-predecessur tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma in toto is-sentenza appellata, tichad l-appell ta' l-attur Kummissarju ta' l-Artijiet bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[20] a fol 21